MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2005

Citazzjoni Numru. 123/2002

Martin u Doris konjugi Debrincat, u Carmel u Lydia konjuġi Cauchi .

vs

Joseph Attard .

Il-Qorti ,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi, wara li ppremettew:

Illi l-attur Debrincat huwa sid ir-raba u l-attur Cauchi għandu titolu ta' kera fuq l-imsemmi raba magħruf bħala "Tal-Għansar" fil-limiti ta' San Lawrenz, Għawdex .

Illi l-atturi igawdu minn dritt ta' passaġġ bil-vettura minn mogħħdija, liema moghdija twassal minn ġor-raba hawn imsemmi proprjeta' u mikri lill-atturi sa Triq Wied Merill, San Lawrenz .

Illi l-atturi saru jafu li fl-aħħar ta’ Ottubru 2002, il-konvenut imblokka l-passaġġ u l-mogħdija imsemmija billi għamel xatba bil-katnazz b’mod u manjiera illi d-dritt ta’ passaġġ tal-atturi ġie issa mwaqqaf u preġudikat .

Illi dan l-ingombru jikkostitwixxi spoll klandestin u vjolenti tad-drittijiet tal-atturi fil-pussess u tgawdija tad-dritt ta’ passaġġ il-vettura minn fuq ir-raba hawn fuq imsemmi .
Illi minkejja li interpellati b’ittra interpellatorja datata 31 ta’ Ottubru 2002, l-konvenut xorta baqa’ inadempjenti .

Talbu lill-konvenut jgħid għaliex m’għandhiex din il-Qorti :

1. Tiddikjara illi l-konvenut kkommetta spoll vjolenti u klandestin għad-dannu tal-atturi, għar-raġunijiet hawn premessi .

2. Tikkundanna lill-konvenut sabiex fi żmien qasir u perentorju jirriprestina l-passaġġ għall-istat oriġinali tiegħu billi jneħħi l-gate u l-ingombru li permezz tiegħu qed icahhad lill-atturi d-dritt ta’ passaġġ bil-vettura .

3. Fin-nuqqas tawtorizza lill-istess atturi jagħmlu dawn ix-xogħlijiet rimedjali a spejjeż tal-konvenut .

Bl-ispejjeż, inkluż tal-ittra interpellatorja tal-31 ta’ Ottubru, 2002 u b’hekk il-konvenut minn issa jibqa’ nġunt għas-subizzjoni .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-atturi debitament maħlufa minn Martin Debrincat .

Rat in-nota ta’ l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li eċċepixxa illi :

1. Illi preliminarjament id-dikjarazzjoni tax-xhieda ta’ l-atturi hija nulla u monka peress illi ma huwiex indikat l-iskop tax-xhieda kif titlob il-liġi .

2. Illi fil-mertu din il-kawża ta' spoll ma tistax tirnexxi peress illi ma jeżistux it-tlett elementi rikjesti mill-liġi sabiex tirnexxi kawża ta' spoll .

3. Illi fil-fatt il-gate imsemmi sar fi żmien ferm aktar minn xahrejn qabel il-preżentata ta' din il-kawża, kif jitolbu r-rekwiżiti ta' kawża ta' spoll .

4. Illi l-imsemmi gate sar in sostituzzjoni ta' gate ieħor li kien jeżisti .
5. Illi għalhekk it-talbiet attriċi huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż .

Salvi eċċezzjonijiet ulterjiri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenut maħlufa minnu .

Rat il-verbal tagħha tat-18 ta' Jannar 2005 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza .

Rat in-noti ta' l-osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti .

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi din hija kawża ta' spoll . Dwar kawża ta' dan it-tip ġie mfisser illi :

*"In tema legali jingħad li l-'actio spolii' hija radikata pjuttost fuq l-eziġenzi ta' utilita' soċjali milli fuq il-prinċipju assolut tal-ġustizzja, u hija eminentement intiża sabiex tkun estiża l-protezzjoni lil kwalunkwe pussess, u jiġi mpedut li ċittadin privat jieħu l-ġustizzja f'idejh; b'mod li l-fini tagħha huwa dak illi jiġi restawrat l-istat tal-pussess li jkun ġie skonvolt jew turbat ;*

*L-art. 572 (illum 535) tal-Kodiċi ċivili, li jikkontempla din l-azzjoni, huwa ndubbjament ta' ordni pubbliku, u huwa inerenti għall-fatt ta' min b'awtorita' privata jagħmel għad-*

*dannu ta' terza persuna att li, għalkemm jista' jkollu dritt għalieh, ma jkunx jista' jezerċitah mingħajr l-intervent tal-Qrati (ara Kassazzjoni Torin 1 ta' Awissu 1879 in re Borboglio vs. Fischt, Volum XIII, P. 1, pag. 555 tal-Annali tal-Ġurisprudenza) . Ma' dan l-artikolu fuq imsemmi tal-liġi ċitata, ma għandux jiġi minsi l-art. 794 (illum 791) tal-Kodiċi tal-Organiżazzjoni u Proċedura Ċivili, li jaħseb u jgħid li kontra l-azzjoni ta' spoll ma humiex ammissibbli ħlief eċċezzjonijiet dilatorji – dak li huwa konfermat mill-ġurisprudenza lokali u estera (ara Vol. XXXI. I. 296 Appell 8 ta' Marzu 1943, in re "Francesco Mifsud vs Michele Cassar"; Vol. XXI. II. 83 P'Awla Ċivili, 20 ta' April 1916, in re 'Michelina Falzon vs Giuseppe Bonello et.' konfermata fl-Appell fis-26 ta' Marzu 1917; Kassazzjoni Palermo 27 ta' Ottubru 1899, in re Decarcano vs. Cafici, Foro Catanese Vol. 1889, pagna 124; u dan biex ingħataw xi sentenzi); …..".*[1]

Illi, għalhekk, kif ġie ripetutament imfisser mill-qrati tagħna, jenħtieġu tliet elementi sabiex tirnexxi kawża bħal din :

(i) li l-attur kellu l-pussess ta' kwalunkwe xorta jew detenzjoni tal-ħaġa spoljata (*possedisse*) ;

(ii) li ġie disturbat f'dan il-pussess (*spoliatum fuisse*); u

(iii) li għamel il-kawża fi żmien xahrejn mill-allegat spoll *(infra bimestre deduxisse*) .

"*Jekk imqar xi wieħed minn dawn ir-rekwiżiti essenzjali ma jiġix ppruvat, l-azzjoni taqa' mingħajr ma jkun hemm bżonn li jiġi ndagat jekk jirrikorrux anki r-rekwiżiti l-oħra*." [2]

Għalhekk sabiex il-Qorti tkun tista' tilqa' t-talbiet attriċi, irid jiġi stabilit biss jekk jeżistux fil-każ in eżami t-tliet elementi imsemmja . Qabel xejn pero' trid tiġi mistħarga eċċezzjoni ta' natura preliminari mressqa mill-konvenut . Il-konvenut

---

[1] Margherita Fenech v. Pawla Zammit : Prim'Awla : 12.4.1958 vol. XLII. .II. 975

[2] Joseph Tabone v. Joseph Flavia sive de Flavia ; Appell Civ. 7.3.1958 – vol. XLII. I.86

permezz ta' din l-eċċezzjoni jeċċepixxi n-nullita' tad-dikjarazzjoni tax-xhieda ta' l-atturi, għax "*ma huwiex indikat l-iskop tax-xhieda kif titlob il-liġi*." Huwa minnu illi l-liġi tesiġi li fil-lista tax-xhieda l-attur irid "jiddikjara dwar kull wieħed minnhom x'fatti u xi provi bi ħsiebu jagħmel bix-xhieda tagħhom",[3] u dan l-atturi m'għamluhx fil-kawża preżenti . Madankollu ma jidhirx illi tali nuqqas ġab "*lill-parti li titlob in-nullita' preġudizzju illi ma jistax jissewwa xort'oħra ħlief billi l-att jiġi annullat,*"[4] tant illi l-konvenuti lanqas għamlu ebda sottomissjonijiet sabiex jissostanzjaw din l-eċċezzjoni u ressqu l-provi kollha tagħhom mingħajr ebda xkiel . Għalhekk din l-eċċcezzjoni qed tiġġi minnufih respinta .

Fil-mertu rriżulta mill-provi illi l-attur Debrincat huwa proprjetarju ta' l-art imsemmija fiċ-ċitazzjoni u l-attur l-ieħor Cauchi jipposjedi parti minnha b'kera għall-insib . Il-konvenut huwa sid ta' barriera fl-istess inħawi . Bejn l-art tiegħu u dik ta' l-attur Debrincat, hemm għalqa oħra ta' ċertu Joseph Caruana . Il-konvenut jiċħad li l-art ta' l-attur tgawdi xi dritt ta' passaġġ minn fuq l-art tiegħu . Madankollu jirriżulta indubbjament illi l-atturi u nies oħra li kienu midħla ta' l-art ta' Debrincat[5] kienu qed jgħaddu mill-passaġġ li jikkonduċi għall-art tal-konvenut sabiex jaċċedu għal ġewwa r-raba ta' l-istess attur . Dan sakemm ma setgħux jibqgħu jagħmlu hekk minħabba x-xatba in kwistjoni li poġġa l-konvenut . Minkejja dak li sostna l-konvenut, ma rriżultax sodisfaċentement illi dan kien biss b'tolleranza tiegħu, u kif kellhom okkażżjoni jsostnu l-Qrati tagħna f'dan ir-rigward, "*il-prova trid issir minn min jallega ż-żamma b'tolleranza . Jekk ma tintweriex imqar prima facie, l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' azzjoni minħabba nuqqas ta' pussess titqies mhux mistħoqqa*."[6] L-ewwel element tal-*possedisse ġ*ie għalhekk ippruvat .

Lanqas m'hemm dubbju dwar il-fatt ta' l-ispoll . L-atturi kienu jgħaddu minn fuq l-art tal-konvenut sabiex jaċċedu

---

[3] art.156(4) tal-kap.12 .
[4] art.789© ibid.
[5] ara affidavit ta' l-A.I.C. Teddie Busuttil a fol. 94 tal-process u dak ta' Vincent Zammit a fol. 95 ,
[6] Grima Communications Co. Ltd. vs Mario Tufigno et. (Prim'Awla 11.02.03)

għar-raba tagħhom, sakemm saret ix-xatba in kwistjoni[7] . Il-konvenut stess jammetti illi kien hu li għamel din ix-xatba bil-għajnuna ta' uliedu . It-tieni element ta' l-ispoll ġie għalhekk ukoll ippruvat .

Jonqos biss li jiġi ppruvat it-tielet element u ċioe' li l-kawża saret fi żmien xahrejn minn meta twettaq l-ispoll . Il-kawża preżenti ġiet intavolata fit-22 ta' Novembru 2002 u għalhekk biex tirnexxi din il-kawża, l-ispoll ma jridx ikun sar qabel it-22 ta' Settembru . L-attur Debrincat jgħid illi huwa nduna bix-xatba għal nofs Ottubru 2002 . L-attur l-ieħor jgħid ukoll illi kienet dik il-ħabta li nduna biha u l-aħħar li kien mar qabel kien fil-bidu ta' Settembru 2002, meta x-xatba ma kienitx għadha twaħħlet fil-post . Imma kif tajjeb issottometta l-konvenut fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tiegħu, għall-fini ta' din il-kawża mhuwiex daqstant importanti meta l-attur nduna bil-fatt ta' l-ispoll, imma d-data kemm jista' jkun preċiza ta' meta attwalment twettaq, għax "*qari xieraq taż-żewg artikoli tal-liġi li jitkellmu dwar l-azzjoni privileġġjata tal-ispoll (artikolu 791 tal-kap. 12 u l-artikolu 535 tal-kap. 16) ma jħallux għażla għal dak li għandha tkun it-tifsira xierqa li jmissha tingħata dwar minn meta għandu jingħadd iż-żmien ta' xahrejn: dan għandu jibda jitqies minn dakinhar tal-ispoll.*"[8]

Il-konvenut sa mill-bidu nett, anke fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet tiegħu, sostna illi din ix-xatba kienet saret qabel ix-xahrejn permessi bil-liġi sabiex tirnexxi kawża ta' spoll . Ingħad mill-qrati tagħna f'dan ir-rigward illi : "*Dwar it-tielet element, il-liġi trid li l-azzjoni għat-tneħħija tal-effetti ta' l-ispoll għandha tinbeda fi żmien xahrejn . Dan iż-żmien huwa meqjus bħala terminu ta' dekadenza* . *Bħal kull wieħed ieħor mill-elementi tal-azzjoni, dan il-fatt għandu jiġi pruvat mill-attur . Iżda meta l-kwistjoni taż-żmien tittella' mill-imħarrek bis-saħħa ta' eċċezzjoni, allura l-prova li l-azzjoni ta' spoll privileġġjat saret barra żmienha taqa' fuq l-istess imħarrek, kif jipprovdi l-artikolu 562 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*"[9]

---

[7] ara ritratti dokti. MD 2 sa MD. 5 a fol. 79 - 82 tal-process ,
[8] Philip Gatt vs Mario Cini (Prim'Awla 4.02.03)
[9] ibid.

Fil-każ tagħna l-konvenut isostni illi x-xatba kienet imwaħħla qabel il-festa tal-Vitorja, u ċioe' t-8 ta' Settembru, 2002 . Dwar dan ġie korroborat minn uliedu Louis u Terry, kif ukoll mill-għarusa ta' ibnu Louis, Jahel Tabone, li kkonfermat ukoll illi dakinhar tal-festa fis-sena 2002 kienet akkumpanjat lill-għarus tagħha sabiex jagħti s-siment fis-sieq tax-xatba li kienet għadha kemm tpoġġiet fl-aċċess għall-art tal-konvenut[10] . L-istess sostna Joseph Caruana li għandu l-għalqa wara dik tal-konvenut: "*Il-gate minn l-attur kien sar fis-Sajf tas-sena l-oħra għall-aħħar tiegħu*."[11]

F'tali ċirkostanzi fejn il-konvenut u x-xhieda minnu prodotti kienu ferm aktar preċiżi dwar id-data ta' meta twahhlet ix-xatba, jidher illi l-prova li tesiġi l-liġi dwar minn jallega fatt, ġiet sodisfatta . Jirriżulta għalhekk illi ġialadarba ġie stabilit illi l-atturi ma ntavolawx il-kawża tagħhom fiż-żmien rikjest mil-liġi, dan it-tielet element ma jirriżultax .

Għaldaqstant, billi ma jikkonkorrux l-elementi kollha meħtieġa mil-liġi sabiex tirnexxi kawża ta' spoll bħal ma hi dik in eżami, it-talbiet attriċi ma jistgħux jiġu milqugħa .

Għal dawn il-motivi, tiddeċidi l-kawża billi tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut fil-mertu, u tiċħad it-talbiet attriċi bl-ispejjeż kontra l-atturi .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[10] ara affidavits ta' Joseph Attard a fol. 113, dak ta' Louis Attard a fol. 115, ta' Jahel Tabone a fol. 119 u dak ta' Terry Attard a fol. 120 .
[11] ara affidavit tieghu a fol. 108 .